12 ta' Marzu, 1951.

Imħallef :

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo. B.Litt., LL.D.

Giuseppe Fiorentino ne. et.

*versus*

Avukat Dr. Emmanuele D'Agostino ne. et.

**Self — Imgħax — Donazzjoni — Remissjoni — Preskrizzjoni — Ġurament — Kuratur — Art. 1847 (2) (b) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Dikjarazzjoni tal-kreditur mutwant fis-sens li huwa ma jeżiġix l-imgħax skadut fuq kapital minnu misluf tammonta għal donazzjoni ta' dawk l-interessi skaduti. Għax dik id-dikjarazzjoni tammonta għal remissjoni tad-dejn relattiv għal dawk l-interessi, u r-remissjoni ta' dejn hija wkoll donazzjoni.*

*Għaldaqstant dik id-dikjarazzjoni, jew remissjoni, mhijiex vinkolanti għal min jagħmilha, u dan jibqa' liberu li jirtiraha, sakemm l-istess ma tkunx ġiet aċċettata mill-parti l-oħra.*

*Il-preskrizzjoni brevi hija preżuntiva tal-pagament, u tista' tiġi kombattuta bid-delazzjoni tal-ġurament, u mhux ukoll bi kwalunkwe prova oħra. Dan il-ġurament għandu natura deċiżorja, u l-forma tiegħu hija differenti skond jekk il-preskrizzjoni tkun opposta mid-debitur stess jew mill-eredi tiegħu. Fl-ewwel każ l-oġġett tal-ġurament huwa d-dikjarazzjoni li d-debitur ma għandux jagħti jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa; mentri fil-każ li l-preskrizzjoni tiġi opposta mill-eredi jew aventi kawża tad-debitur, l-oġġett tal-ġurament ikun id-dikjarazzjoni li ma jafux jekk il-ħaġa għadhiex dovuta.*

*Dan il-ġurament ma jistax jiġi mpost mill-Qorti spontaneament, imma jista' biss jiġi mogħti fuq talba tal-kreditur, jew inkella mpost fis-sentenza, anki fuq talba tal-kreditur.*

*Din il-preskrizzjoni tista' tiġi opposta anki mill-kuratur ta' l-assenti jew ta' eredità ġjaċenti; u għalhekk tista' tiġi wkoll opposta minn mandatarju ta' l-assenti. Imma meta l-kuratur ikun jaf bil-fattijiet kollha, b'mod li jista' jafferma jew jinnega, dan il-ġurament jista' jiġi mogħti lilu. Għaldaqstant meta l-kuratur ikun mandatarju ta' assenti u bħala tali suppost li jaf bil-fattijiet kollha, ladarba huwa jissolleva din il-preskrizzjoni, dal-ġurament jista' jingħata jew mid-debitur stess quddiem l-awtorità konsolari jew aw-*

*torità oħra tal-pajjiż fejn ikun qiegħed, jew mir-rappreżentant tiegħu fuq istruzzjonijiet speċjali tiegħu.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, fil-kwalità fuq imsemmija, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, u wara illi ppremettew illi Maria u Luigi ġa miżżewġin Fiorentino, ġenituri tal-konvenuti u nanniet ta' l-atturi, mietu rispettivament fl-10 ta' Marzu 1935 u fl-24 ta' Diċembru 1941 (dok. B u C), u b'testment "unica charta" tat-12 ta' Marzu 1906 għand in-Nutar Gio Batta Saydon (dok. D) ħallew eredi lil uliedhom, kompriż Vincenzo (li miet qabilhom mingħajr tfal), bis-sostituzzjoni volgari tat-tfal tagħhom u bid-dritt ta' l-akkrexximent; u l-imsemmi Luigi Fiorentino, b'testment tiegħu publikat minn Nutar Enrico Saydon fit-3 ta' Lulju 1935 (dok. E), ħalla xi dispożizzjonijiet b'titolu partikulari favur ibnu Giuseppe u wliedu; u illi dan Giuseppe Fiorentino miet fit-30 ta' Marzu 1943 (dok. F) u ħalla superstiti lill-atturi wliedu; u illi l-konvenut Ruggiero Fiorentino, b'nota quddiem is-Sekond'Awla ta' dina l-Qorti, preżentata fit-8 ta' Marzu 1945, irrinunzja għall-eredità ta' Luigi Fiorentino missieru; u illi l-atturi ma jridux jibqgħu fil-komunjoni mal-konvenuti; talbu (1) illi tiġi likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti ġa eżistenti bejn Maria u Luigi ġà miżżewġin Fiorentino, billi jiġi dikjarat li tikkonsisti fil-ġid li jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża; (2) jiġu maqsuma dawn il-ko-akkwisti f'żewġ porzjonijiet indaqs, li minnhom waħda tiġi assenjata lill-wirt partikulari ta' Maria Fiorentino, u l-oħra lill-assi partikulari ta' Luigi Fiorentino; (3) jiġi likwidat l-assi partikulari ta' Maria Fiorentino, billi jiġi dikjarat li jikkonsisti fis-sehem li jmissha mill-akkwisti konjugali u sustanzi oħra li jirriżultaw 'il quddiem; (4) dana l-wirt jiġi diviż f'erba porzjonijiet indaqs, li minnhom waħda tiġi assenjata lill-atturi bejniethom, u t-tlieta l-oħra lill-konvenuti, waħda kull wieħed; (5) jiġi likwidat l-assi partikulari ta' Luigi Fiorentino, u jiġi dikjarat li jikkonsisti fis-sustanzi li jiġu pruvati 'l quddiem; (6) dana l-wirt jiġi maqsum fi tliet porzjonijiet indaqs, li minnhom waħda tiġi assenjata lill-atturi bejniethom, u t-tnejn l-oħra lill-konvenuti Marietta Camilleri u Enrico Fiorentino, waħda

kull wieħed; (7) jiġi nominat perit biex jagħmel il-likwidazzjonijiet fuq mitluba u jipproponi pjan ta' diviżjoni, nutar biex jippublika l-kuntratt relativ, u kuraturi biex jirrappreżentaw lill-kontumaċi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-24 ta' Frar 1949, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi jirriżulta li Luigi Fiorentino u Maria Borg iżżewġu fl-20 ta' Lulju 1877.............. B'testment "unica charta" fl-attijiet tan-Nutar Gio Batta Saydon tat-12 ta' Marzu 1906, Luigi Fiorentino u Maria miżżewġin Fiorentino, fost ħwejjeġ oħra, ħallew lil xulxin......... u akkordaw lil xulxin, jiġifieri lis-superstiti, il-fakoltà li jbiddel dak it-testment relattivament għall-assi proprju mingħajr ma jinkorri fil-penalità stabbilita mil-liġi; u eżentaw ukoll.............. Maria Fiorentino mietet fl-10 ta' Mejju 1935, u żewġha pprevalixxa ruħu mill-fakoltà fuq imsemmija, billi fit-3 ta' Lulju 1935 huwa għamel testment addizzjonali..............;

*Omissis;*

Illi jirriżulta li fil-kors ta' l-istess żwieġ, u preċiżament fis-16 ta' Ottubru 1929, fl-attijiet tan-Nutar Enrico Saydon, Luigi Fiorentino ssellef minn għand ibnu Ruggieru s-somma ta' £200 bl-imgħax tal-5% fis-sena, li kellhom jiddekorru mid-data tal-kuntratt, u kellhom jitħallsu mar-restituzzjoni tal-kapital, li kellha tiġi effettwata fil-mewt tal-ġenituri tal-mutwant, l-imsemmijin miżżewġin Luigi u Maria Fiorentino. F'dak l-att tas-self Luigi Fiorentino ddelega lil ibnu Ruggieru, il-mutwant, biex iħallas lil Vincenzo Fiorentino £100 in sodisfazzjon ta' somma ugwali li Luigi Fiorentino kien irċieva b'self minn għand Vincenzo Fiorentino b'kuntratt fl-attijiet tan-Nutar Enrico Saydon tas-7 ta' Ġunju 1918. Il-bilanċ ta' £100 Luigi Fiorentino ddikjara li kien irċevih minn għand ibnu Ruggieru b'diversi mutwi żgħar u bla kitba qabel. Id-delegazzjoni ordnata fil-kuntratt fuq imsemmi ġiet effettwata b'kuntratt tal-21 ta' Ottubru 1929, fl-attijiet ta' l-imsemmi Nutar, li fih deher l-istess Ruggieru Fiorentino, li ddikjara li fuq is-somma mislufa minnu ma riedx jeżiġi ebda xorta ta' imgħax, b'mod li dik is-somma ta' £200 kellha tiftiehem li ġiet mislufa mingħajr imgħax;

Illi l-konvenut Dr. D'Agostino nomine jissottometti li, għad li saret dik id-dikjarazzjoni, Ruggieru Fiorentino għandu jieħu l-imgħax stipulati fuq dik is-somma ta' £200; u dan għar-raġuni li dik id-dikjarazzjoni tikkostitwixxi donazzjoni, li ma ġietx aċċettata mid-debitur, u kwindi mhix vinkolanti għar-rappreżentat minnu, li baqa' liberu li jirtiraha. Minn naħa tagħhom l-atturi jissottomettu li dik id-dikjarazzjoni ma tikkostitwix donazzjoni; u dan għar-raġunijiet esposti fin-nota tagħhom fil-fol. 83 tal-proċess, u għalhekk jippretendu li l-istess dikjarazzjoni għandha jkollha effett indipendentement minn kull aċċettazzjoni;

Il-perit legali ġie għall-konklużjoni li dik id-dikjarazzjoni timporta donazzjoni. U dina l-Qorti taqbel ma' din il-konklużjoni, għall-istess raġunijiet sottomessi mill-perit legali. B'żieda għas-sottomissjonijiet ta' l-imsemmi perit, jingħad li dik id-dikjarazzjoni timporta remissjoni ta' debitu; liema remissjoni hija vera u proprja donazzjoni. Infatti, fil-każ in partikulari ma saretx rinunzja għal dritt, imma saret remissjoni ta' dejn li kien ġa miftiehem u ġa beda jiddekorri; u kwindi kien jittratta minn liberalità (Laurent, Vol. XVIII, para. 334, 335). Dan jirriżulta wkoll mid-dispożizzjoni ta' l-art. 1847 (2) (b) tal-Kodiċi Ċivili. Bħala donazzjoni, ir-remissjoni ta' debitu għandha tiġi aċċettata, għaliex inkella ma tivvinkolax lill-kreditur (Laurent, loc. cit., Fadda. Della Remissione del Debito, n. 14). L-atturi ma ppruvawx li dik ir-remissjoni ta' dejn u donazzjoni, magħmula minn Ruggieru Fiorentino, bid-dikjarazzjoni ġa msemmija, ġiet aċċettata minn Luigi Fiorentino. Huma jgħidu li kien hemm aċċettazzjoni taċita, billi l-imgħax miftehma Luigi Fiorentino ma ħallashom qatt. Imma dan id-debitur ma kellux iħallas imgħaxijiet; l-interessi kellhom jitħallsu wara l-mewt tiegħu; u għalhekk minn dina ċ-ċirkustanza li ma tħallsux imgħaxijiet ma tistax titnissel il-konsegwenza li kien hemm aċċettazzjoni taċita. U ladarba d-donazzjoni magħmula minn Ruggieru Fiorentino ma ġietx aċċettata, id-donant għandu d-dritt jirrevoka l-istess donazzjoni (art. 1849 Kodiċi Ċivili). Lanqas jista' jingħad li din l-aċċettazzjoni saret mit-tfal l-oħra werrieta ta' Luigi Fiorentino, għaliex aċċettazzjoni simili ma tiswiex (art. 1851 ibidem);

Illi għalhekk Ruggieru Fiorentino huwa kreditur ta' l-*assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti tal-ġenituri tiegħu fis-som*ma ta' £200, bl-imgħax tal-5% mill-ġurnata tas-self, 16 ta' Ottubru 1929. Imma, kif tajjeb issottometta l-perit legali, billi l-interessi minn dak in-nhar jilħqu aktar minn £200, l-istess għandhom jitnaqqsu u jitqiesu fl-ammont biss ta' £200, għaliex il-kors ta' l-interessi ma jistax jissupera l-ammont misluf;

Illi l-atturi, subordinatament, issollevaw l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni rigward dawn l-interessi. Dina l-preskrizzjoni hija dik kontemplata *mid-disposizzjoni ta' l-art. 2261 (d) tal*-Kodiċi Ċivili, u hija ta' ħames snin; u skond it-tradizzjoni, bħal kwalunkwe preskrzzjoni brevi oħra, propjament mhijiex estintiva, imma preżuntiva ta' l-estinzjoni, jiġifieri tal-pagament. Dina l-preskrizzjoni tista' tiġi kombattuta bid-delazzjoni tal-ġurament, u mhux ukoll bi kwalunkwe prova oħra. Mhijiex preskrizzjoni indotta minn preżunzjoni sempliċi, imma tali li tista' tiġi kombattuta, għad li bil-ġurament biss (App. 22. 2. 1889 "Calleja vs. Mangion"; P.A. 31. 3. 1897 "Nuzzo vs. Cannataci"). Taħt dan l-aspett huma barra minn lokhom l-osservazzjonijiet tal-konvenut Ruggieru Fiorentino, kif rappreżentat fil-kawża, li bihom issottometta li dina l-preskrizzjoni, opposta mill-atturi, hija insostenibili (fol. 79); għar-raġuni, kif ġa ngħad, li l-unika prova biex tikkumbatti dina l-preskrizzjoni hija d-delazzjoni tal-ġurament;

Dan il-ġurament għandu natura deċiżorja, u l-forma tiegħu hija diversa skond jekk il-preskrizzjoni tkunx opposta mid-debitur stess jew mill-eredi tiegħu. Jekk il-preskrizzjoni hija opposta mid-debitur stess, oġġett ta' dan il-ġurament huwa d-dikjarazzjoni li huwa mhuwiex debitur, jew ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa; altrimenti huwa stess ikun jiddubita fil-kuxjenza li huwa debitur. Jekk imbagħad il-preskrizzjoni tiġi opposta mill-eredi tad-debitur, jew mill-aventi kawża minnu, kif inhu fil-każ in eżami, oġġett tal-ġurament huwa d-dikjarazzjoni li ma jafux jekk il-ħaġa għadhiex s'issa dovuta. Minħabba l-opposizzjoni ta' dina l-preskrizzjoni, u salv li jittieħed il-ġurament fuq imsemmi, kif jingħad aktar 'il quddiem, Ruggieru Fiorentino ma jistax jirreklama l-imgħax tal-5% fuq is-somma mislufa ta' £200 ħlief għall-

aħħar ħames snin, jiġifieri mill-25 ta' Diċembru 1945, billi huwa seta' jeżerċita l-azzjoni biex jirċievi dawn l-imgħaxijiet mill-24 ta' Diċembru 1941, dak in-nhar li miet missieru, u minn dak in-nhar ma jirriżultax b'ebda mod minn xi kawża ta' sospensjoni jew interruzzjoni għal dik il-preskrizzjoni. Id-dokument fil-fol. 81 tal-proċess, kif tajjeb issottometta l-perit legali, ma jistax jingħad li kien kawża ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni għal dawn l-imgħaxijiet;

Illi dana l-ġurament ma jistax jiġi impost mill-Qorti spontaneament, imma, skond ġurisprudenza kostanti, l-istess ġurament jista' jiġi mogħti biss fuq talba tal-kreditur fil-kawża stess, jew inkella, fuq talba ta' l-istess kreditur, jiġi mill-Qorti impost fis-sentenza. Fil-każ in eżami, l-Avukat Dr. D'Agostino nomine għamel din it-talba, kif jirriżulta mill-aħħar paragrafu tan-nota fil-fol. 138 tal-proċess. Barra minn dan, b'rigward ta' dan il-ġurament, jistgħu jinqalgħu xi diffikultajiet, minħabba ċ-ċirkustanza li wieħed mill-atturi jinsab imsiefer, jiġifieri Gerardo Fiorentino, li jinsab rappreżentat fil-kawża mill-attur Giuseppe Fiorentino bħala mandatarju tiegħu. Hu biżżejjed magħruf li, skond il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Tagħna, il-preskrizzjoni fuq imsemmija tista' tiġi opposta anki mill-kuratur ta' assenti jew minn dak ta' ereditá ġjaċenti (Vol. XXX — I — 27); u għalhekk tista' tiġi opposta wkoll, u iżjed, mill-attur Giuseppe Fiorentino, bħala mandatarju ta' ħuh Gerardo;

Diffikultà tista' tinqala' minħabba l-fatt li Gerardo Fiorentino huwa msiefer. u għalhekk jekk u kif għandu jiġi deferit lilu l-ġurament. Skond l-istess ġurisprudenza, lill-kuratur "ex officio" ta' ereditá ġjaċenti ma jistax jiġi mogħti dan il-ġurament (Vol. XXIX — II — 989); imma ġie ritenut illi lil kuratur simili li jkun jaf il-fattijiet, b'mod li jista' jafferma jew jinnega, jista' jiġi mogħti dan il-ġurament (Vol. XXX — I — 287). Issa, fil-każ attwali, l-attur Giuseppe Fiorentino mhuwiex kuratur "ex officio", imma mandatarju ta' ħuh Gerardo li jinsab imsiefer, u huwa suppost li jaf bil-fattijiet kollha, ladarba issolleva dina l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni wkoll fl-istess u fl-interess ta' l-imsemmi ħuh. Però, biex tiġi ovvjata kull diffikultà, dina l-Qorti sejra ssegwi f'dan il-każ it-temperament adottat mill-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna

minn żmien antik f'każ ta' assenza, kif inhu dak ta' l-attur Gerardo Fiorentino, biex ma tħallix lid-debitur ikun jista' jissolleva l-preskrizzjoni u fl-istess ħin ma tħallix lill-kreditur jappella ruħu għall-kuxjenza tad-debitur tiegħu. U għalhekk għe ritenut li jista' dan il-ġurament jingħata jew mid-debitur stess quddiem l-awtorità konsolari jew awtorità oħra tal-pajjiż fejn ikun qiegħed, jew mir-rappreżentant tiegħu in segwitu ta' istruzzjonijiet speċjali (App. 30. 10. 1881 "Gasciulli vs. Rose"). Għalhekk dina l-Qorti sejra timponi dan il-ġurament b'dan il-mod, kif jingħad aktar 'il quddiem;

Illi għandu wkoll jingħad li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni *kif sollevata mill-atturi għandha tmur, jekk jittieħed il-ġurament kif fuq imsemmi*, favur biss dawk id-debituri atturi, u mhux ukoll favur l-kondebituri l-oħra (Vol. XXIX — I — 1059);

Illi minn dak li ntqal s'issa jirriżulta li, salv dak li jingħad aktar 'il quddiem dwar l-imgħax fuq il-kapital tas-self ta' £200, minħabba l-preskrizzjoni eċċepita mill-atturi, l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti ta' Luigi u Maria miżżewġin Fiorentino għandu jiġi likwidat bħal li jikkonsisti, kif issottometta l-perit legali *(fol. 120)*, kif sejjer jingħad:—

*Omissis:*

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk miġjuba fir-relazzjoni tal-perit legali, li huma adottati;

Tiddeċidi, dwar il-preskrizzjoni kwinkwennali sollevata mill-atturi aħwa Fiorentino, billi tilqa' l-istess preskrizzjoni opposta minn dawk l-atturi għall-imgħaxijiet sal-24 ta' Diċembru 1945, salvi l-imgħaxijiet sad-diviżjoni effettiva, jekk u kemm-il darba, fi żmien tnax-il ġurnata, relativament għall-*atturi Giuseppe Fiorentino f'ismu proprju u Carmela Alessandro*, jieħdu l-ġurament stabbilit fl-art. 2265 (2) tal-Kodiċi Ċivili, jiġifieri li ma jafux li l-imgħaxijiet minn mindu kienu dovuti sal-24 ta' Diċembru 1945 għad għandhom jingħataw; u hekk teskludi lill-konvenut Ruggieru Fiorentino minn dawk l-imgħax. Relativament għall-attur Gerardo Fiorentino, li, kif jidher, jinsab fil-belt ta' Detroit, fl-Istati Uniti ta' l-Amerika, dan l-istess ġurament għandu jittieħed mill-attur Giuseppe Fiorentino, mandatarju tiegħu, f'isem u wara speċjali istruzzjoni bil-miktub, li għandha tkun għal dan l-iskop ġu-

ramentata quddiem awtorità kompetenti ta' hemmhekk u fit-termini tal-ġurament fuq imsemmi mogħtija lilu mill-istess Gerardo Fiorentino, wara li dan ikun qara kopja awtentika ta' din is-sentenza — ħaġa li għandha tkun imsemmija wkoll f'dik l-istruzzjoni; u dan fi żmien sitta u tletin ġurnata, żmien prorogabili minn dina l-Qorti għal ġusta kawża. L-ispejjeż relativi jibqgħu bejn l-atturi aħwa Fiorentino u l-konvenut Ruggieru Fiorentino bin-nofs. U jekk il-ġurament ma jiġix meħud fit-termini u fiż-żmien hawn imsemmijin, tirrespinġi l-istess preskrizzjoni kwinkwennali għall-imgħaxijiet fuq imsemmija, bl-ispejjeż kontra dak jew dawk mill-atturi li ma jkunux ħadu dan il-ġurament;

U tiddeċidi, dwar il-meritu tal-kawża, billi (1) tillikwida l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti...............; (2) tiddividi dan l-assi tal-komunjoni f'żewġ porzjonijiet...........; (3) tillikwida l-assi partikulari ta' Maria Fiorentino.................; (4) tiddividi dan l-assi partikulari ta' Maria Forentino.........; (5) tillikwida l-assi partikulari ta' Luigi Fiorentino...........; (6) tiddividi dan l-assi partikulari ta' Luigi Fiorentino.........; Tinnomina lin-Nutar.............. L-ispejjeż kollha tal-kawża, barra dawk deċiżi, jitħallsu mill-kontendenti fil-proporzjon tal-kompartecipazzjoni fl-assijiet likwidati u li tagħhom ġiet magħmula d-diviżjoni.